MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 668/2012

**Ballut Blocks Services Limited (C8360)**

**vs**

**F.G.S. Construction Limited (C17794)**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li kien prezentat fit-2 ta` Lulju 2012 li jaqra hekk –

*Illi l-esponenti hija kreditrici tas-socjeta` intimata fl-ammont ta` €107,173.03 bilanc ta` sorte, oltre l-imghaxijiet*

*legali u l-ispejjez gudizzjarji u dan in forza ta` sentenza, li ghaddiet in gudikat, fl-ismijiet Ballut Blocks Services Limited v. F.G.S. Construction Limited (PA 966/2011 MC) deciza fis-26 ta` April 2012, u dana kif jirrizulta mill-annessa kopja ta` l-istess sentenza Dok BBS1 u t-taxxa relattiva Dok BBS2.*

*Illi kif ser jigi provat waqt is-smigh ta` dawn il-proceduri is-socjeta` intimata ma tistax thallas id-djun taghha u l-esponenti tifhem li l-istess socjeta` intimata hija insolventi inter alia ai termini tal-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Att dwar il-Kumpanniji b`applikazzjoni tal-Artikolu 214(5)(a) tal-istess Att.*

*Illi s-socjeta` intimata ilha f`dan l-istat ta` insolvenza ghal zmien twil u dan kif jafu, jew kif ghandhom ikunu jafu d-diretturi taghha.*

*Illi l-esponenti tissottometti li dawn in-nuqqasijiet, flimkien ma` nuqqasijiet ohra fit-tregija tas-socjeta` intimata li ser jigu pruvati tul it-trattazzjoni ta` dawn il-proceduri, saru u ghadhom qed isiru bl-iskop li b`hekk is-socjeta` intimata teludi l-obbligi taghha skond il-ligi.*

*Illi x-xoljiment tas-socjeta` intimata huwa rikjest mic-cirkostanzi premessi f`dan ir-rikors, liema cirkostanzi huma wkoll serji u gravi ai termini tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

*Ghaldaqstant in vista tal-premess, is-socjeta` esponenti titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni, joghgobha :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` intimata m`hijiex f`qaghda li thallas id-djun taghha ai termini ta` l-Artikolu 214(2)(a)(ii) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*2. Tiddikjara u tiddeciedi illi jezistu ragunijiet gravi bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tas-socjeta` intimata ai termini ta` l-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta ;*

*3. Tahtar minnufih fil-mori ta` dawn il-proceduri amministratur provvisorju sabiex jamministra l-affarijiet tas-socjeta` intimata u dan taht u skond id-disposizzjonijiet kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun li taghti ;*

*4. Tordna x-xoljiment u l-istralc konsegwenzjali tas-socjeta` intimata a tenur ta` l-Artikolu 214(2)(a)(ii) u/jew l-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*5. Taghti kull provvediment opportun sabiex jinhatar stralcjarju u jigi kondott l-istralc konsegwenzjali tas-socjeta` intimata ai termini tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta.*

*Bl-ispejjez u b`rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ulterjuri spettanti lis-soicjeta` esponenti inter alia ai termini tal-Artikoli 303, 315 u 316 tal-Att dwar il-Kumpanniji.*

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mir-rikorrenti mar-rikors taghha.

Rat id-digriet taghha tal-31 ta` Lulju 2012 (fol 24) fejn ordnat in-notifika tar-rikors promotorju lill-kumpannija intimata, tatha zmien ghoxrin (20) jum biex twiegeb, u

appuntat il-kawza ghas-smigh ghall-udjenza tat-8 ta` Ottubru 2012 fid-9.00 a.m.

Rat illi l-kumpannija intimata kienet notifikata bl-atti skond il-ligi, izda ma pprezentatx risposta.

Semghet id-deposizzjoni tal-Av. Dr. Massimo Vella fl-udjenza tas-7 ta` Frar 2013 u rat id-dokumenti li kienet esebiti f`dik l-udjenza.

Semghet ir-rinunzja tal-kumpannija rikorrenti ghat-tieni talba u ghal fejn fir-raba` talba hemm riferenza ghall-Art.214(2)(b)(iii) tal-Kap.386.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza ghal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Dritt</u>**

Din hija kawza fejn qieghed jintalab ix-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija F.G.S. Construction Limited (C17794) skond l-**<u>Art.214 tal-Kap.386</u>** tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kumpannija rikorrenti hija kreditur tal-kumpannija intimata.

Fir-rikors promotorju, il-kumpannija rikorrenti bbazat il-pretensjoni taghha fuq l-Art.214(2)(a)(ii), l-Art.214(5)(a) u l-Art.214(2)(b)(iii) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta. <u>Fil-kors tal-kawza, il-kumpannija rikorrenti rrinunzjat ghall-</u>

pretensjoni taghha skond l-Art.214(2)(b)(iii) tal-Kap.386 tal-Ligijiet ta` Malta. Din il-Qorti trid ghalhekk tizen u tiddeciedi dwar il-fondatezza tat-talba tar-rikorrenti abbazi tal-Art.214(2)(a)(ii) u l-Art.214(5)(a) tal-Kap.386.

Fil-paragrafu **(a)** tas-subartiklu **(2)** tal-**Art.214**, il-ligi tghid liema huma c-cirkostanzi fejn il-Qorti **TISTA`** xxolji kumpannija u tordna l-istralc taghha. Fil-kaz tal-lum, il-kumpannija rikorrenti qeghda tibbaza ruhha fuq is-subinciz **(ii)** tal-paragrafu **(a)** u cioe` *jekk il-kumpannija ma tkunx tista' thallas id-djun taghha*.

Fil-kuntest ta` l-Art.214(2)(a)(ii), il-ligi tidderiegi lill-gudikant lejn l-**Art.214(5)** tal-Kap.386 li jistabilixxi meta kumpannija ghandha titqies illi tistax thallas id-djun taghha. Is-subartikolu **(5)** ghandu zewg paragrafi.

Din il-Qorti tghid illi abbazi tal-provi illi ressqet il-kumpannija rikorrenti huwa evidenti illi s-subparagrafu **(a)** huwa dak rilevanti ghall-mertu ta' din il-kawza. Dan jaqra hekk –

*jekk id-dejn dovut mill-kumpannija jkun baqa' ma thallasx ghal kollox jew f'parti wara erbgha u ghoxrin gimgha mill-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artiklu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Mela l-ewwel haga li l-Qorti trid taghmel huwa illi tara jekk tirrizultax il-prova illi l-kumpannija intimata *ma tistax thallas id-djun taghha*, fil-kaz tal-lum, abbazi tal-Art.214(5)(a).

Jekk din il-prova tirrizulta, il-Qorti trid tghaddi biex tizen il-provi fl-assjem taghhom biex tara jekk ghandhiex

tezercita d-diskrezzjoni li tatha l-ligi stess illi tordna x-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija debitrici.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Risultanzi</u>**

L-uniku xhud tal-kumpannija rikorrenti kien l-Av. Dr. Massimo Vella. In aggunta mad-dokumenti li kienu prezentati flimkien mar-rikors promotorju, ix-xhud ipprezenta, waqt id-deposizzjoni tieghu, serje ta` dokumenti.

In vista tal-fatt illi l-kumpannija rikorrenti rrinunzjat ghat-talba taghha ghax-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija intimata skond l-Art.214(2)(b)(iii) tal-Kap.386, din il-Qorti sejra tislet *dawk* mill-provi akkwiziti illi fil-fehma taghha jolqtu **<u>direttament</u>** it-talba ghax-xoljiment u l-istralc tal-kumpannija intimata skond l-Art.214(2)(a)(ii) u l-Art.214(5)(a) tal-Kap.386.

Jirrizulta illi permezz ta` sentenza moghtija fis-26 ta` April 2012 minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza *Ballut Blocks Services Limited vs F.G.S. Construction Limited* (Rik. Gur. Nru. 96/2011 MC) il-kumpannija intimata kienet ikkundannata thallas lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta` €107,173.03 bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba sad-data tal-pagament effettiv. Is-sentenza ghaddiet in gudikat.

Fil-5 ta` Ottubru 2011, u allura <u>kontestwalment</u> mal-presentata tar-rikors guramentat fil-kawza fuq riferita, il-kumpannija rikorrenti pprezentat rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju Nru. 1390/2011 kontra l-kumpannija intimata ghall-hlas ta` sorte fl-ammont ta` €107,173.03. It-talba ghall-hrug tal-Mandat kienet

milqugha fis-6 ta` Ottubru 2011. Seba` kienu s-sekwestratarji li kienu lkoll notifikati fis-7 ta` Ottubru 2011. Il-kumpannija intimata ma kenitx notifikata bil-Mandat.

Socjeta` kreditrici hija prekluza milli tistitwixxi azzjoni ta` din ix-xorta kontra socjeta` debitrici fuq l-iskorta ta` Mandat ta` Sekwestru **Kawtelatorju**, anke jekk debitament notifikat lis-sekwestratarji. Infatti l-Art.214(5)(a) jitkellem dwar *l-ezekuzzjoni ta' titolu ezekuttiv kontra l-kumpannija b'xi wiehed mill-atti ezekuttivi msemmijin fl-artiklu 273 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

Wara li s-sentenza fuq riferita ghaddiet in gudikat, il-kumpannija rikorrenti ma ttentatx tikseb il-hrug ta` wiehed mill-atti ezekuttivi li huma elenkati fl-Art.273 tal-Kap.12, bil-procedura prevista bl-Art.274 tal-Kap.12. Li kieku, per ezempju, ghazlet din it-triq, kienet tipprezenta rikors ghall-hrug ta` Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv, u wara li jkun milqugh mill-Qorti, kien jigi notifikat lis-sekwestarji. Fil-procedura ghall-hrug ta` Mandati Ezekuttivi skond l-Art.273 et seq tal-Kap 12, mhijiex prevista n-notifika tad-debitur ghall-fini tal-ezekuzzjoni tal-Mandat.

Hija l-gurisprudenza ta` din il-Qorti illi fejn si tratta ta` atti ezekuttivi ndikati fl-Art.273 tal-Kap 12, il-fattur rilevanti sabiex jiskatta l-perijodu ta` erbgha u ghoxrin (24) gimgha ghall-fini tal-Art.214(5)(a) tal-Kap.386 huwa l-ezekuzzjoni tal-Mandat. U fil-kaz ta` Mandat ta` Sekwestru, l-ezekuzzjoni tal-Mandat issehh bin-notifika tal-att lis-sekwestratarji minghajr il-htiega tan-notifika tad-debitur.

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li l-kumpannija rikorrenti marret ghall-procedura kontemplata bl-**Art.838B(1) u (2) tal-Kap 12**, li kien introdott bl-Att XII tal-2009. Id-disposizzjoni taqra hekk –

*(1) Sakemm ma jiġix imħassar mill-Qorti jew irtirat mill-parti li toħroġ il-mandat, kull mandat kawtelatorju għandu jibqa' fis-seħħ sa ħmistax-il ġurnata wara li l-kawża tgħaddi f'ġudikat.*

*(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), mandati kawtelatorji maħruġin skont l-artikolu 830(1) isiru eżekuttivi wara li kawża tgħaddi f'ġudikat jew meta, skont l-artikolu 166B, dik l-ittra uffiċjali ssir titolu eżekuttiv b'dan illi :*

*(a) fil-każ ta' mandat maħruġ skont l-artikolu 830(1)(b), (ċ), (d) u (f), il-kreditur għandu jippreżenta nota fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta l-kawża tkun għaddiet f'ġudikat fl-atti tal-istess mandat u jitlob li jestendi jew inaqqas l-effetti tal-mandat għas-somma ekwivalenti għall-ispejjeż legali, l-imghaxijiet u d-differenza fis-sorte skont is-sentenza, liema nota għandha tiġi notifikata lid-debitur, u dawk kollha li għandhom interess;*

*(b) fil-każ ta' mandat maħruġ skont l-artikolu 830(1)(a) u (e), il-kreditur għandu jippreżenta rikors skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 388E fi żmien ħmistax-il ġurnata minn meta l-kawża tkun għaddiet f'ġudikat.*

Billi l-Mandat ta` Sekwestru Kawtelatorju huwa ndikat fl-**Art.830(1)(d)** il-procedura li kellha tigi segwita mill-kumpannija rikorrenti kellha tkun dik skond l-**Art.838B(2)(a)** sabiex il-Mandat minn Kawtelatorju jsir Ezekuttiv.

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li l-kawza *Ballut Blocks Services Limited vs F.G.S. Construction Limited* (Rik. Gur. Nru. 96/2011 MC) kienet deciza fis-26 ta` April 2012. U allura saret *res judicata* fis-16 ta` Mejju 2012. Il-kumpannija rikorrenti kellha sal-31 ta` Mejju 2012 biex tipprezenta n-nota. Kienu esebiti l-atti tal-Mandat (Dok BBS3). Jirrizulta li n-nota kienet prezentata fit-18 ta` Mejju 2012. Mela jirrizulta li l-kumpannija rikorrenti pprocediet fit-terminu.

Wara li qieset b`reqqa l-Art.838B(2)(a), din il-Qorti tghid illi dan il-fatt wahdu mhuwiex bizzejjed biex il-Mandat minn Kawtelatorju jsir Ezekuttiv. Ghax il-legislatur segwa procedura differenti minn dik ghall-kisba ta` Mandati Ezekuttivi skond l-Art.273 et seq tal-Kap 12.

Jirrizulta nfatti li fin-nota, il-kreditur jaghmel **talba** biex jestendi jew inaqqas l-effetti tal-Mandat (kawtelatorju). Fil-kaz tal-lum, il-kumpannija rikorrenti talbet lill-Qorti biex *testendi l-effett tal-mandat* b`ammont addizzjonali ta` €9,824.39 li jkopri l-ispejjez tal-kawza, l-ispejjez tal-mandat u l-imghax. Ladarba hija talba, tista` tkun akkordata jew michuda. Fil-kaz tal-lum, it-talba kien akkordata b`digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta tat-12 ta` Gunju 2012.

Il-procedura mhijiex kompleta bl-ghoti tad-digriet li jakkorda n-nota izda bin-notifika ta` dak id-digriet lil *dawk kollha li ghandhom interess* fil-kaz tal-lum is-sekwestratarju **u**, hawn huwa importanti, bin-**notifika** tad-debitur. Ghal din il-Qorti, in-notifika mhijiex fakoltattiva izda tassattiva – ara l-uzu tal-kelma *ghandha* fl-Art.838B(2)(a). Li jkompli jfisser illi ghad-differenza tal-procedura skond l-Art.273 et seq tal-Kap 12, fil-kaz tal-procedura skond l-Art.838B, **l-ezekuzzjoni** fil-kaz ta` Mandat ta` Sekwestru ssehh bin-notifika tas-sekwestratarji **u** tad-debitur.

Hija ghalhekk il-fehma ta` din il-Qorti illi fil-kaz tal-lum iz-zmien ta` erbgha u ghoxrin (24) gimgha skond l-Art.214(5)(a) ma bediex jiddekorri billi ma jirrizultax illi kien hemm l-ezekuzzjoni skond il-ligi tal-Mandat ta` Sekwestru Ezekuttiv fl-ewwel lok ghaliex in-notifika tas-sekwestarji saret qabel ma nghata d-digriet tat-12 ta` Gunju 2012, u fit-tieni lok ghaliex wara li nghata dak id-digriet, la kienu notifikati s-sekwestratarji u lanqas id-debitur.

Fil-kaz tal-lum ma tirrizultax il-prova illi l-kumpannija intimata *ma tistax thallas id-djun taghha* fil-parametri tal-Art.214(5)(a). Ladarba hekk hu, din il-Qorti ma tistax tghaddi ghax-xoljiment u ghall-istralc tal-kumpannija intimata abbazi tal-Art.214(2)(a)(ii) tal-Kap 386.

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti, filwaqt illi qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba tal-kumpannija rikorrenti stante rinunzja, qeghda tichad it-talbiet taghha l-ohra, bl-ispejjez kontra l-istess kumpannija rikorrenti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------